DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tas-27 ta' April 2006

dwar l-għeluq tal-kontijiet taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-korpi ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2004

(2006/835/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-korpi ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2004 ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet annwali taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-korpi ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2004, flimkien mat-tweġibiet taċ-Ċentru ([2]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' l-14 ta' Marzu 2006 (5972/2006 — C6-0093/2006),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, b'mod partikulari l-Artikolu 276, tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li japplika għal baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([3]), u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94 tat-28 ta' Novembru 1994 li waqqaf Ċentru tat-Traduzzjoni għall-korpi ta' l-Unjoni Ewropea ([4]), u b'mod partikulari l-Artikolu 14 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([5]), u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0100/2006),

1. Jinnota l-figuri li ġejjin għall-kontijiet taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-korpi ta' l-Unjoni Ewropea għas-snin finanzjarji 2004 u 2003;

Kont tad-dħul u ta' l-infiq għas-snin finanzjarji 2004 u 2003

(f'EUR 1 000)

	2004	2003
Dħul operattiv		
Iffatturar għas-sena finanzjarja	23 423	22 075
Dħul mixxellanju	150	223
Total (a)	**23 573**	**22 298**
Nefqa operattiva		
Spejjeż attwali	11 929	10 347
Spiża operattiva ta' bini, għodda u oġġetti varji	2 734	2 095
Spiża operattiva	5 919	3 618
Allokazzjoni għal fornituri	1 410	2 195
Total (b)	**21 992**	**18 255**
Riżultat operattiv (c = a – b)	**1 581**	**4 043**

([1]) ĠU C 269, 28.10.2005, p. 25.
([2]) ĠU C 332, 28.12.2005, p. 53.
([3]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
([4]) ĠU L 314, 7.12.1994, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1645/2003 (ĠU L 245, 29.9.2003, p. 13).
([5]) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1261/2005 (ĠU L 201, 2.8.2005, p. 3).

(f'EUR 1 000)

	2004	2003
Dħul finanzjarju		
Imgħax tal-Bank	387	387
Gwadann mir-rata tal-kambju tal-kambju	1	1
Total (d)	**388**	**388**
Financial expenses		
Spejjeż tas-servizzi tal-bank	7	10
Total (e)	**7**	**10**
Riżultat finanzjarju (f = d – e)	**381**	**378**
Riżultat għall-attivitajiet ordinarji (g = c + f)	**1 962**	**4 421**
Dħul ta' eċċezzjoni (h)	2 230	19
Spejjeż ta' eċċezzjoni (i)	0	9
Riżultat ta' eċċezzjoni (j = h – i)	**2 230**	**10**
Riżultat għas-sena finanzjarja (g + j)	**4 192**	**4 431**

2. Japprova l-għeluq tal-kontijiet taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-korpi ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2004;

3. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din id-deċiżjoni lid-Direttur taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi ta' l-Unjoni Ewropea, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri u biex jippubblikaha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
Josep BORRELL FONTELLES

Is-Segretarju Ġenerali
Julian PRIESTLEY